I

*(Tagħrif)*

# KUNSILL

## POŻIZZJONI KOMUNI (KE) NRU 10/2006

**adottata mill-Kunsill fis-27 ta' Ġunju 2006**

**bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament (KE) Nru …/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-… dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+)**

(2006/C 238 E/01)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Il-protezzjoni ambjentali hija waħda mill-objettivi ċentrali stabbiliti fid-dikarazzjonijiet dwar il-prinċipji gwida għal żvilupp sostenibbli li adotta l-Kunsill Ewropew. Hija prijorità għall-ko-finanzjament Komunitarju u għandha tiġi finanzjata primarjament permezz ta' l-istrumenti finanzjarji orizzontali Komunitarji, inklużi l-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, il-Fond Ewropew għas-Sajd u s-seba' Programm Kwadru għar-Riċerka.

(2) Dawn l-istrumenti finanzjarji Komunitarji ma jkoprux il-prijoritajiet ambjentali kollha. Għalhekk hemm il-ħtieġa għal Strument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) sabiex jipprovdi appoġġ speċifiku sabiex tiġi żviluppata u implimentata l-politika ambjentali u l-leġiżlazzjoni tal-Komunità, partikolarment l-objettivi tas-Sitt Programm ta' Azzjoni Komunitarju dwar l-Ambjent (is-Sitt EAP) stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 ([4]).

(3) L-appoġġ għandu jkun ipprovdut permezz ta' ftehim ta' għotjiet u kuntratti ta' akkwist pubbliku skond ir-Regolament Finanzjarju (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]).

(4) Il-miżuri u l-proġetti finanzjati taħt LIFE+ għandhom jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà sabiex jiżguraw l-aħjar użu possibbli tal-fondi Komunitarji. B'mod partikolari, għal dik il-parti tal-baġit suġġetta għall-amministrazzjoni delegata, il-miżuri u l-proġetti għandhom jissodisfaw kriterji addizzjonali ta' eliġibbiltà sabiex jiġi żgurat il-valur miżjud Ewropew u sabiex jiġi evitat il-finanzjament ta' attivitajiet rikorrenti, bħal operazzjonijiet ta' kuljum.

(5) Fil-qasam tan-natura u l-bijodiversità, l-implimentazzjoni stess tal-politika Komunitarja u l-leġiżlazzjoni Komunitarja tipprovdi qafas għal valur miżjud Ewropew. Il-miżuri u proġetti ta' l-aħjar prattika jew ta' dimostrazzjoni, inklużi dawk relatati mal-ġestjoni u t-tfassil tas-siti Natura 2000 skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-*habitat* naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ([6]) u d-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi ([7]), għandhom ikunu

([1]) ĠU C 255, 14.10.2005, p. 52.
([2]) ĠU C 231, 20.9.2005, p. 72.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2005 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' 27 ta' Ġunju 2006 u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' … (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.
([5]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([6]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
([7]) ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).

eliġibbli għal finanzjament Komunitarju taħt LIFE+, ħlief fejn ikunu eliġibbli għal finanzjament taħt strumenti finanzjarji Komunitarji oħrajn.

(6) Il-miżuri u l-proġetti innovattivi jew dimostrattivi relatati ma' objettivi ambjentali Komunitarji, inklużi l-iżvilupp jew id-disseminazzjoni ta' teknika ta' l-aħjar prattika, ta' kompetenzi jew ta' teknoloġiji, kif ukoll il-miżuri u proġetti għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni ta' l-opinjoni pubblika u taħriġ speċjali għal aġenti involuti f'interventi ta' prevenzjoni ta' nirien fil-foresti għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament Komunitarju taħt LIFE+, ħlief fejn dawn ikunu eliġibbli għal finanzjament taħt strumenti finanzjarji Komunitarji oħrajn.

(7) Il-miżuri u proġetti għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' objettivi Komunitarji dwar il-monitoraġġ wiesa', armonizzat, komprensiv u maħsub għal perjodu fit-tul ta' foresti u interazzjonijiet ambjentali għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament Komunitarju taħt LIFE+, ħlief fejn ikunu eliġibbli għal finanzjament taħt strumenti finanzjarji Komunitarji oħrajn.

(8) L-isfida ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika effettiva taħt is-Sitt EAP tista' tingħeleb biss permezz ta' l-appoġġ għal miżuri u proġetti, ta' l-aħjar prattika jew ta' dimostrazzjoni, għall-iżvilupp jew l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali Komunitarja; id-dimostrazzjoni ta' approċi ta' linji politiċi innovattivi, teknoloġiji, metodi u strumenti; il-konsolidament tal-bażi tal-konoxxenza; il-bini tal-kapaċità ta' implimentazzjoni; it-trawwim ta' tmexxija tajba, il-promozzjoni ta' *networking*, tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' l-aħjar prattika; u d-disseminazzjoni aħjar ta' informazzjoni, is-sensibilizzazzjoni ta' l-opinjoni pubblika u l-komunikazzjoni. L-appoġġ finanzjarju taħt dan ir-Regolament għandu għalhekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-komunikazzjoni u għad-disseminazzjoni ta' tali politika mal-Komunità kollha.

(9) LIFE+ għandu jkollu tliet komponenti: Natura u Bijodiversità LIFE+, Politika Ambjentali u Tmexxija LIFE+, u Informazzjoni u Komunikazzjoni LIFE+. Għandu jkun possibbli għall-miżuri u proġetti finanzjati minn LIFE+ li jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-objettivi speċifiċi ta' iktar minn wieħed minn dawn it-tliet komponenti u li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' iktar minn Stat Membru wieħed, kif ukoll li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' *approċi* strateġiċi sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali.

(10) Sabiex twettaq ir-rwol tagħha fit-tnedija ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali, il-Kummissjoni għandha tuża riżorsi minn LIFE+ sabiex studji u valutazzjonijiet jitlestew, sabiex tagħti servizzi bil-ħsieb ta' l-implimentazzjoni u l-integrazzjoni ta' politika u leġiżlazzjoni ambjentali, sabiex torganizza laqgħat, *seminars* u *workshops* ma' esperti u mal-partijiet interessati, għall-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' *networks*, u għall-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi tal-kompjuter. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-parti amministrata ċentralment tal-baġit ta' LIFE+ sabiex twettaq attivitajiet ta' informazzjoni, ta' pubblikazzjoni u ta' disseminazzjoni, inklużi attivitajiet pubbliċi, esibizzjonijiet u miżuri simili ta' sensibilizzazzjoni ta' l-opinjoni pubblika, għall-ispejjeż ta' preparazzjoni u produzzjoni ta' materjal awdjoviżiv, u sabiex tikseb assistenza teknika u/jew amministrattiva relatata ma' l-identifikazzjoni, il-preparazzjoni, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ, il-verifika u s-superviżjoni ta' programmi u proġetti.

(11) L-organizzazzjonijiet mhux-governattivi (NGOs) jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Komunità. Huwa għalhekk xieraq għall-parti amministrata ċentralment tal-baġit ta' LIFE+ li tappoġġa l-operazzjonijiet ta' numru ta' NGOs ambjentali adegwatament kwalifikati permezz ta' l-għoti, fuq bażi kompetittiva u trasparenti, ta' għotjiet operattivi annwali. Tali NGOs jeħtieġ li jkunu indipendenti u bla skop ta' profitt u li jsegwu l-attivitajiet għall-inqas fi tliet pajjiżi Ewropej, waħedhom jew f'forma ta' assoċjazzjoni.

(12) L-esperjenza ta' l-istrumenti attwali u tal-passat uriet b'mod ċar il-ħtieġa li wieħed jippjana u jipprogramma fuq bażi pluriennali u li jiġu kkonċentrati l-isforzi sabiex tiġi promossa l-protezzjoni ambjentali permezz tal-prijoritizzazzjoni u l-immirar ta' l-oqsma ta' l-attivitajiet li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn ko-finanzjament Komunitarju.

(13) L-Istati Membri għandhom iħejju programmi ta' ħidma annwali nazzjonali, li jkunu diversi kemm minn pjanijiet u programmi mħejjija għal numru ta' setturi u li jistabbilixxu qafas għal kunsens dwar żvilupp futur kif ukoll minn pjani u programmi li jkunu ġew determinati li jeħtieġu valutazzjoni skond id-Direttiva 92/43/KEE, u dawk il-programmi ta' ħidma m'għandhomx ikunu kunsidrati bħala pjani jew programmi suġġetti għad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi dwar l-ambjent ([1]).

(14) Ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ambjentali għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-linji tal-politika u l-attivitajiet Komunitarji, inklużi l-istrumenti finanzjarji. LIFE+ għandu għalhekk jikkomplementa strumenti finanzjarji Komunitarji oħrajn u l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw din il-komplementarjetà fil-livell Komunitarju, nazzjonali, reġjonali u lokali.

(15) Konformement mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu (Diċembru 1997) u tal-Kunsill Ewropew ta' Tessalonika (Ġunju 2003), il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandhom ikunu kunsidrati bħala eliġibbli sabiex jipparteċipaw fil-programmi tal-Komunità, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'kull ftehim bilaterali rilevanti konkluż ma' dawn il-pajjiżi.

---

([1]) ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30.

(16) Huwa meħtieġ li jiġi konsolidat numru ta' strumenti ambjentali eżistenti u li jiġu simplifikati l-programmazzjoni u l-amministrazzjoni permezz tal-ħolqien ta' strument finanzjarju simplifikat wieħed għall-ambjent.

(17) Huwa meħtieġ ukoll li tkun żgurata tranżizzjoni mingħajr xkiel u li jitkomplew il-monitoraġġ, il-verifika u l-istima kwalitattiva ta' l-attivitajiet finanzjati taħt il-programmi attwali wara li dawn jiskadu.

(18) Dan ir-Regolament jistabbilixxi, għat-tul kollu tal-programm, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza prinċipali, fis-sens tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u t-tmexxija finanzjarja tajba [1], għall-awtorità tal-baġit matul il-proċedura annwali tal-baġit.

(19) L-objettiv ġeneral ta' LIFE+ huwa li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni, aġġornament u żvilupp tal-politika u tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità u, b'mod partikolari, li jappoġġa l-implimentazzjoni tas-Sitt EAP. Jekk jaħdmu flimkien permezz ta' l-istrumenti Komunitarji sabiex itejbu l-prestazzjoni fil-livell nazzjonali jew lokali, sabiex jiksbu l-għanijiet Komunitarji jew sabiex jipprovdu skambju ta' informazzjoni fil-Komunità kollha, l-Istati Membri jistgħu jiksbu valur miżjud Ewropew. Ladarba dan l-objettiv ta' LIFE+ ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri u jista' għalhekk jintlaħaq aħjar f'livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jeċċedix dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan tiegħu.

(20) Il-miżuri implimentattivi li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta bis-saħħa ta' dan ir-Regolament huma miżuri ta' amministrazzjoni relatati ma' l-implimentazzjoni ta' programm b' implikazzjonijiet sostanzjali għall-baġit fis-sens ta' l-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni [2]. Għandhom għalhekk jiġu adottati ċerti miżuri implimentattivi skond il-proċedura amministrattiva prevista fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni. Madankollu, dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas ġenerali u sejjer japplika għal seba' snin. Il-prijoritajiet Komunitarji u nazzjonali x'aktarx jevolvu b'mod sinifikattiv matul dan il-perjodu. Dan ir-Regolament ukoll jiddifferixxi ħafna deċiżjonijiet essenzjali għal programmi strateġiċi pluriennali u programmi ta' ħidma annwali nazzjonali. Tali kwistjonijiet huma ta' tħassib kritiku għall-Istati Membri individwali u huma ta' importanza kruċjali għall-politika ambjentali nazzjonali tagħhom. Huwa għalhekk iktar xieraq li ċerti miżuri oħrajn jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja prevista fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, sabiex l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jressqu l-miżuri proposti għal konsiderazzjoni quddiem il-Kunsill. Il-proċedura regolatorja hija adatta wkoll għall-adozzjoni ta' emendi għall-Annessi ma' dan ir-Regolament, li jispeċifikaw dispożizzjonijiet essenzjali, partikolarment il-miżuri eliġibbli għall-finanzjament, u għat-twaqqif ta' regoli ta' implimentazzjoni lil hinn mill-miżuri tekniċi espliċitament imsemmija fir-Regolament,

[1] ĠU Ċ …

[2] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Għan**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi strument finanzjarju għall-ambjent ("LIFE +").

2. L-objettiv ġenerali ta' LIFE+ għandu jkun li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni, l-aġġornament u l-iżvilupp ta' politika u leġiżlazzjoni ambjentali Komunitarji, inkluża l-integrazzjoni ta' l-ambjent f'linji politiċi oħra, u b'hekk jikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli.

B'mod partikolari, LIFE+ għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tas-Sitt EAP, inklużi l-istrateġiji tematiċi, u jiffinanzja miżuri u proġetti b'valur miżjud Ewropew fl-Istati Membri.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

1) is-"Sitt EAP" tfisser is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali Komunitarju stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE;

2) "Regolament Finanzjarju" tfisser ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002;

3) "aġenziji nazzjonali" tfisser korpi nazzjonali tas-settur pubbliku, jew korpi regolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku, li lilhom ġew fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit skond l-Artikolu 7(2).

*Artikolu 3*

**Kriterji ta' eliġibbiltà**

1. Il-miżuri u l-proġetti finanzjati minn LIFE+ għandhom jappoġġaw il-kisba ta' l-objettiv ġenerali dispost fl-Artikolu 1(2). Fejn ikun possibbli, il-miżuri u l-proġetti finanzjati minn LIFE+ għandhom jippromwovu sinerġiji bejn prijoritajiet differenti taħt is-Sitt EAP, u l-integrazzjoni.

2. Il-miżuri previsti fil-programmi strateġiċi pluriennali mfassla skond l-Artikolu 6(1), il-programmi ta' ħidma annwali nazzjonali adottati skond l-Artikolu 6(5) u l-proġetti implimentati skond dawk il-programmi għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) li jkunu ta' interess Komunitarju billi jagħmlu kontribut sinifikattiv għall-kisba ta' l- objettiv ġeneral ta' LIFE+ dispost fl-Artikolu 1(2); u

(b) li jkunu teknikament u finanzjarjament koerenti u fattibbli u jipprovdu l-valur tal-flus.

3. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat valur miżjud Ewropew u sabiex jiġi evitat il-finanzjament ta' attivitajiet rikorrenti, il-miżuri previsti fil-programmi ta' ħidma annwali nazzjonali u l-proġetti implimentati skond dawk il-programmi għandhom jissodisfaw għall-inqas waħda mill-kriterji li ġejjin:

(a) ikunu miżuri u proġetti ta' l-aħjar prattika, jew miżuri u proġetti ta' dimostrazzjoni għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 79/409/KEE jew tad-Direttiva 92/43/KEE;

(b) ikunu miżuri u proġetti innovattivi jew miżuri u proġetti ta' dimostrazzjoni relatati ma' objettivi ambjentali Komunitarji, inklużi l-iżvilupp jew id-disseminazzjoni ta' teknika ta' l-aħjar prattika, ta' kompetenzi jew ta' teknoloġiji;

(ċ) ikunu kampanji ta' sensibilizzazzjoni ta' l-opinjoni pubblika u taħriġ speċjali għal aġenti involuti fil-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti;

(d) ikunu miżuri u proġetti għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' objettivi Komunitarji relatati mal-monitoraġġ fuq firxa wiesgħa, armonizzat, komprensiv u għall-perjodu fittul ta' foresti u interazzjonijiet ambjentali.

*Artikolu 4*

**Objettivi speċifiċi**

1. LIFE+ għandu jikkonsisti fi tliet komponenti:

— Natura u Bijodiversità LIFE+,

— Politika Ambjentali u Tmexxija LIFE+,

— Informazzjoni u Kommunikazzjoni LIFE+.

2. L-objettivi speċifiċi tal-komponent "Natura u Bijodiversità LIFE+" għandhom ikunu:

(a) li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' politika u leġiżlazzjoni Komunitarji dwar in-natura u l-bijodiversità, b'mod partikolari d-Direttivi 79/409/KEE u 92/43/KEE, anke fil-livelli lokali u reġjonali, u li jappoġġa l-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni tan-*network* Natura 2000, inklużi l-*habitats* u l-ispeċi tal-kosta u marittimi;

(b) li jikkontribwixxu għall-konsolidament tal-bażi tal-konoxxenza għall-iżvilupp, stima, monitoraġġ u valutazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni Komunitarji dwar in-natura u bijodiversità;

(ċ) li jappoġġaw il-pjan u l-implimentazzjoni ta' approċi u strumenti ta' politika għall-monitoraġġ u l-istima tan-natura u l-bijodiversità u l-fatturi, il-pressjonijiet u r-rispons li jħallu impatt fuqhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-kisba tal-mira li jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità fil-Komunità sa l-2010;

(d) li jipprovdu appoġġ għal tmexxija aħjar ta' l-ambjent, billi jitwessa' l-involviment tal-partijiet interessati, inkluż dak ta' l-NGOs, fil-konsultazzjonijiet dwar u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni dwar in-natura u l-bijodiversità.

3. L-objettivi speċifiċi tal-komponent "Politika Ambjentali u Tmexxija LIFE+" għandhom ikunu, fir-rigward ta' l-objettivi tas-sitt EAP, kif ukoll għall-oqsma ta' prijorità tal-bidla fil-klima, ta' l-ambjent u tas-saħħa u kwalità tal-ħajja, u tar-riżorsi naturali u skart:

(a) li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' approċċi ta' politika, teknoloġiji, metodi u strumenti innovattivi;

(b) li jikkontribwixxu għall-konsolidament tal-bażi tal-konoxxenza għall-iżvilupp, stima, monitoraġġ u valutazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali;

(ċ) li jappoġġaw il-pjan u l-implimentazzjoni ta' approċċi għall-monitoraġġ u stima ta' l-istat ta' l-ambjent u l-fatturi, il-pressjonijiet u r-risponsi li jħallu impatt fuqu;

(d) li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali Komunitarja, b'enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni fil-livelli lokali u reġjonali;

(e) li jipprovdu appoġġ għal tmexxija ambjentali aħjar, billi jitwessa' l-involviment tal-partijiet interessati, inkluż dak ta' NGOs, fil-konsultazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika.

4. L-objettivi speċifiċi tal-komponent "Informazzjoni u Komunikazzjoni LIFE+" għandhom ikunu:

(a) id-disseminazzjoni ta' informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni ta' l-opinjoni pubblika dwar kwistjonijiet ambjentali, inkluża l-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti;

(b) li jipprovdu appoġġ għal miżuri ta' akkumpanjament, bħal informazzjoni, azzjonijiet u kampanji ta' komunikazzjoni, konferenzi u taħriġ, inkluż taħriġ dwar il-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti.

5. L-Anness I fih il-lista ta' miżuri eliġibbli.

*Artikolu 5*

**Tipi ta' intervent**

1. Il-finanzjament Komunitarju jista' jieħu l-forom legali li ġejjin:

(a) ftehim ta' għotja;

(b) kuntratti ta' akkwist pubbliku.

2. Jistgħu jingħataw għotjiet Komunitarji f'forom speċifiċi, bħal ftehim kwadru ta' sħubija, parteċipazzjoni f'mekkaniżmi u fondi finanzjarji, jew ko-finanzjament ta' għotjiet operattivi jew ta' azzjoni. L-għotjiet operattivi lil entitajiet li jsegwu l-objettivi ta' interess ġenerali Ewropew ma għandhomx ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar tnaqqis gradwali fir-Regolament Finanzjarju.

3. Għal għotjiet ta' azzjoni, ir-rata massima ta' ko-finanzjament għandha tkun 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli. Madankollu, bħala eċċezzjoni, ir-rata massima ta' ko-finanzjament għall-komponent "Natura u Bijodiversità LIFE+" tista' tkun sa 75 % ta' l-ispejjeż eliġibbli fil-każ ta' miżuri u proġetti li jikkonċernaw *habitats* jew speċi prijoritarji għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 79/409/KEE jew tad-Direttiva 92/43/KEE, meta dan ikun meħtieġ sabiex jinkiseb l-objettiv tal-konservazzjoni.

4. Fil-każ ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku, il-fondi Komunitarji jistgħu jkopru l-ispejjeż ta' servizzi u merkanzija. Dawn l-ispejjeż jistgħu jinkludu l-infiq fuq l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, il-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-valutazzjoni ta' proġetti, linji politiċi, programmi u leġiżlazzjoni.

5. Jekk Stat Membru jiddeċiedi hekk, l-ispejjeż tal-persunal għandhom ikunu eliġibbli għal ko-finanzjament Komunitarju bil-kondizzjoni li:

(a) fil-każ ta' aġenziji nazzjonali, tali finanzjament Komunitarju jirrappreżenta mhux aktar minn 2 % tal-kontribut Komunitarju għall-programm ta' ħidma annwali nazzjonali ta' l-Istat Membru għas-sena konċernata. Il-persunal konċernat għandu jkun qiegħed iwettaq kompiti addizzjonali li l-amministrazzjonijiet nazzjonali ma wettqux qabel in konnessjoni ma' l-implimentazzjoni ta' programmi Komunitarji;

(b) l-ispejjeż tas-salarji tal-ħaddiema taċ-ċivil jistgħu jiġu finanzjati biss sakemm dawn ikunu relatati ma' l-ispiża ta' l-attivitajiet għall-implimentazzjoni tal-proġett li l-awtorità pubblika relevanti ma kinetx twettaq kieku l-proġett konċernat ma sarx. Il-persunal konċernat għandu jkun sekondat b'mod speċifiku għal proġett u għandu jirrappreżenta spiża addizzjonali fir-rigward tal-persunal permanenti eżistenti.

*Artikolu 6*

**Programmazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tfassal l-ewwel programm strateġiku pluriennali għall-perjodu 2007 sa 2010 u t-tieni programm strateġiku pluriennali għall-perjodu 2011 sa 2013. Dawn il-programmi għandhom jiddefinixxu l-objettivi prinċipali, l-oqsma prijoritarji ta' azzjoni, it-tip ta' miżuri u r-riżultati mistennija għall-finanzjament Komunitarju fir-rigward ta' l-objettivi u l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 1, 3 u 4. Huma għandhom jinkludu allokazzjonijiet bejn l-Istati Membri u jindikaw dawk il-partijiet tal-baġit suġġetti għal amministrazzjoni ċentrali diretta u dawk suġġetti għal amministrazzjoni delegata skond l-Artikolu 7(2).

Għall-inqas 80 % tal-baġit għandu jkun suġġett għall-amministrazzjoni delegata.

2. L-allokazzjonijiet ta' l-Istati Membri għall-parti tal-baġit suġġetta għall-amministrazzjoni delegata għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-proċedura annwali tal-baġit prevista fl-Artikolu 11(3). Il-Kummissjoni għandha tibbaża dawn l-allokazzjonijiet fuq il-kriterji li ġejjin:

(a) popolazzjoni:

(i) il-popolazzjoni totali ta' kull Stat Membru. Għandha tiġi attribwita peżatura ta' 50 % lil dan il-kriterju; u

(ii) id-densità tal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru, sa limitu li jkun id-doppju tad-densità medja tal-popolazzjoni ta' l-UE. Għandha tiġi attribwita peżatura ta' 5 % lil dan il-kriterju;

(b) natura u bijodiversità:

(i) l-erja totali tas-siti ta' importanza Komunitarja għal kull Stat Membru, espressa bħala proporzjon ta' l-êrja totali tas-siti ta' importanza Komunitarja. Għandha tiġi attribwita peżatura ta' 25 % lil dan il-kriterju; u

(ii) il-proporzjon tat-territorju ta' Stat Membru kopert minn siti ta' importanza Komunitarja relattivament għall-proporzjon tat-territorju Komunitarju kopert minn siti ta' importanza Komunitarja. Għandha tiġi attribwita peżatura ta' 20 % lil dan il-kriterju.

Hekk kif id-*data* rilevanti tkun disponibbli għall-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kalkoli għan-natura u l-bijodiversità abbażi kemm tas-siti ta' importanza Komunitarja kif ukoll taż-żoni ta' protezzjoni speċjali, filwaqt li jiġi evitat l-għadd doppju.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tagħmel allokazzjonijiet addizzjonali lil Stati Membri li ma jmissux mal-baħar. L-ammont totali ta' tali allokazzjonijiet ma għandux ikun aktar minn 3 % tal-baġit totali delegat.

Madankollu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ebda allokazzjoni ta' Stat Membru ma tkun inqas minn minimu xieraq ta' bejn EUR 1 u 3 miljun kull sena, b'kont meħud tad-densità tal-popolazzjoni, tan-nefqa ambjentali, tal-ħtieġa ambjentali u tal-kapaċità ta' assorbiment.

3. Fi ħdan il-qafas tal-programmi strateġiċi pluriennali msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom, għall-parti tal-baġit suġġetta għal delegazzjoni, jippreżentaw abbozzi ta' programmi ta' ħidma annwali nazzjonali lill-Kummissjoni għal kull sena fil-perjodi 2007 sa 2010 u 2011 sa 2013. Dawn għandhom, bħala minimu u għal kull sena:

(a) jidentifikaw żoni ta' prijorità b'kont meħud tal-ħtiġijiet identifikati għall-perjodu fit-tul;

(b) jindikaw l-objettivi speċifiċi nazzjonali;

(ċ) jiddeskrivu l-miżuri li jridu jiġu finanzjati u kif dawn jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà disposti fl-Artikolu 3;

(d) jipprovdu stimi tan-nefqa; u

(e) jiddeskrivu l-qafas ta' monitoraġġ propost.

L-Istati Membri jistgħu jinkludu miżuri transnazzjonali fl-abbozz ta' programmi ta' ħidma annwali nazzjonali tagħhom.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ma' l-Istati Membri dwar l-abbozz ta' programmi strateġiċi pluriennali fi ħdan il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 14(1). Il-programmi għandhom jiġu adottati skond l-Artikolu 15(1)(a). Għall-programmi strateġiċi pluriennali għall-perjodu mill-2007 sa 2010, l-adozzjoni għandha sseħħ mill-iktar fis possibbli, u mhux iktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri fuq bażi bilaterali dwar l-abbozz ta' programmi ta' ħidma annwali nazzjonali, bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma annwali nazzjonali skond l-Artikolu 15(1)(b). L-Istati Membri għandhom jippreżentaw abbozzi tal-programmi ta' ħidma annwali nazzjonali għall-2007 lill-Kummissjoni mill-iktar fis possibbli, u mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-adozzjoni ta' l-ewwel programm strateġiku pluriennali. Huma għandhom, kif meħtieġ, jippreżentaw programmi ta' ħidma annwali nazzjonali għas-snin sussegwenti, u aġġornamenti ta' abbozzi diġà preżentati, skond il-programm stabbilit skond l-Artikolu 15(2)(b).

L-Istati Membri jistgħu, jekk hekk ikunu jridu, jippreżentaw abbozzi ta' programmi ta' ħidma annwali nazzjonali għal xi wħud minn jew għas-snin kollha koperti minn dan ir-Regolament fl-istess waqt.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aġenziji nazzjonali jimplimentaw il-programmi ta' ħidma annwali nazzjonali adottati skond l-Artikolu 15(1)(b). L-aġenziji nazzjonali għandhom jistiednu applikazzjonijiet ta' proġetti għall-implimentazzjoni tal-miżuri disposti fil-proġetti ta' ħidma annwali nazzjonali. Huma għandhom jiżguraw li l-proġetti jissodisfaw il-kriterji disposti fl-Artikolu 3, fil-waqt li jagħtu prijorità lil dawk il-proġetti li jagħmlu l-akbar kontribut għall-kisba ta' l-objettivi ta' dan ir-Regolament.

7. L-aġenziji nazzjonali għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma annwali nazzjonali. Huma għandhom jagħmlu r-rapporti finali tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 12(1), jew is-sommarji tagħhom, disponibbli għall-pubbliku. Il-Kummissjoni għandha tippubblika b'mod regolari listi ta' proġetti finanzjati permezz ta' LIFE+, inklużi deskrizzjoni ta' l-objettivi u r-riżultati miksuba u sommarju tal-fondi li ntefqu. Hija għandha tagħmel hekk billi tuża l-mezzi tal-medja u t-teknoloġiji adatti, inkluż l-internet.

*Artikolu 7*

***Proċeduri finanzjarji u delegazzjoni tal*-baġit**

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dan ir-Regolament skond ir-Regolament Finanzjarju.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċedi li tafda parti mill-implimentazzjoni tal-baġit lil aġenziji nazzjonali magħżula bi ftehim ma' l-Istat Membru konċernat abbażi ta' l-Artikolu 54(2)(ċ) tar-Regolament Finanzjarju u skond il-kriterji ta' l-għażla disposti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

**Benefiċjarji**

Jistgħu jirċievu finanzjament permezz ta' LIFE+ korpi pubbliċi u/jew privati, atturi u istituzzjonijiet.

*Artikolu 9*

**Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi**

Il-programmi finanzjati permezz tal-LIFE+ għandhom ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li ġejjin, sakemm jiġu rċevuti approprjazzjonijiet supplementari:

(a) Stati ta' l-EFTA li saru membri ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 933/1999 tad-29 ta' April 1999 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1210/90 dwar l-istabbiliment ta' Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-qafas Ewropew għall-informazzjoni u osservazzjoni ambjentali ([1]);

(b) pajjiżi kandidati li jkunu fit-triq ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea;

(ċ) pajjiżi tal-Balkani tal-Punent inklużi fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

*Artikolu 10*

**Komplementarjetà bejn strumenti finanzjarji**

Dan ir-Regolament ma għandhux jiffinanzja miżuri li jaqgħu fi ħdan il-kriterji ta' eliġibbiltà ta', jew li jirċievu għajnuna għall-istess skop minn, strumenti finanzjarji Komunitarji oħra, inklużi l-Fond ta' Żvilupp Reġjonali Ewropew, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Programm Kwadru dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni, il-Fond tas-Sajd Ewropew, u s-seba' Programm Kwadru ta' Riċerka. Il-benefiċjarji skond dan ir-Regolamet għandhom jipprovdu informazzjoni dwar finanzjament li huma jkunu rċivew mill-baġit tal-Komunità u dwar l-applikazzjonijiet tagħhom, li jkunu għaddejjin għall-finanzjament, lill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżuri finanzjarji ċentrali jew lill-aġenzija nazzjonali fir-rigward ta' miżuri delegati. Għandhom jinstabu sinerġiji u komplementarjetà ma strumenti Komunitarji oħra.

*Artikolu 11*

***Perjodu u riżorsi tal*-baġit**

1. Dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat matul il-perjodu li jibda fl-1 ta' Jannar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013.

2. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' LIFE+ għandu jiġi ffissat bħala wieħed ta' EUR 1 854 372 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

3. Ir-riżorsi tal-baġit allokati għall-azzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament għandhom jiddaħħlu fl-approprjazzjonijiet annwali tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-awtorità tal-baġit għandha tawtorizza l-approprjazzjonijiet annwali disponibbli fil-limiti tal-qafas finanzjarju.

([1]) ĠU L 117, 5.5.1999, p. 1.

4. Għall-inqas 40 % tar-riżorsi tal-baġit għal-LIFE+ għandhom jiġu allokati għal miżuri li jappoġġaw il-konservazzjoni tan-natura u tal-bijodiversità.

*Artikolu 12*

**Monitoraġġ**

1. Għal kwalunkwe miżura u proġett finanzjat minn LIFE+, il-benefiċjarju għandu jippreżenta, lill-Kummisjoni fir-rigward ta' miżuri finanzjati ċentralment jew lill-aġenzija nazzjonali fir-rigward ta' miżuri delegati, rapporti tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tax-xogħol. Għandu jiġi preżentat ukoll rapport finali fi żmien tliet xhur mit-tlestija tal-proġett.

2. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki li jsiru mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien mal-korpi jew dipartimenti kompetenti tal-verifika nazzjonali skond l-Artikolu 248 tat-Trattat, jew għal kwalunkwe ispezzjoni li ssir skond l-Artikolu 279(1)(b) tat-Trattat, l-uffiċjali u persunal ieħor tal-Kummissjoni għandhom jagħmlu kontrolli fuq il-post, inklużi kontrolli ta' kampjuni, fuq proġetti finanzjati taħt LIFE+, b'mod partikolari sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fl-Artikolu 3.

3. Kull kuntratt u ftehim li jirriżulta minn dan ir-Regolament, inkluż kull ftehim ma' l-aġenziji nazzjonali, għandu jipprovdi b'mod partikolari għal superviżjoni u kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni. jew minn kwalunkwe rappreżentant li l-Kummissjoni tista' tawtorizza, u għal verifiki mill-Qorti ta' l-Awdituri, jekk ikun meħtieġ fuq il-post.

4. Il-benefiċjarju ta' l-assistenza finanzjarja għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, għal perjodu ta' ħames snin wara l-aħħar pagament fir-rigward ta' kwalunkwe proġett, id-dokumenti kollha ta' appoġġ rigward l-infiq fuq dak il-proġett.

5. Fuq il-bażi tar-riżultati tar-rapporti u l-kontrolli ta' kampjuni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, taġġusta l-iskala jew il-kondizzjonijiet ta' l-allokazzjoni ta' l-għajnuna finanzjarja approvati oriġinarjament kif ukoll l-iskeda kronoloġika tal-ħlasijiet.

6. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi l-oħra kollha li jkunu meħtieġa sabiex tivverifika li l-miżuri u l-proġetti finanzjati jitwettqu korrettament u konformement mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 13*

**Protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta miżuri finanzjati taħt dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività oħra illegali, permezz ta' kontrolli effettivi u bl-irkupru ta' l-ammonti indebitament mħallsa u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, bl-applikazzjoni ta' pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([1]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritjiet oħra ([2]), u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ([3]).

2. Għall-miżuri Komunitarji finanzjati taħt LIFE+, "irregolarità" kif imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 tfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja jew kwalunkwe ksur ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku li għandu jew ikollu l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet jew il-baġits amministrati minnhom, b'nefqa mhux ġustifikata.

3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tirkupra l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mogħti għal proġett jekk issib irregolaritajiet, inkluż n-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew mad-deċiżjoni individwali jew mal-kuntratt jew ftehim li jagħtu l-għajnuna finanzjarja in kwistjoni, jew jekk jirriżulta li, mingħajr ma tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, il-proġett ikun ġie suġġett għal tibdil li jkun konfliġġenti man-natura tiegħu jew mal-kondizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tiegħu.

4. Jekk l-iskadenzi ma jkunux ġew osservati jew jekk parti biss mill-għajnuna finanzjarja mogħtija tkun ġustifikata bil-progress li jkun sar bl-implimentazzjoni ta' proġett, il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju sabiex jippreżenta osservazzjonijiet f' perjodu speċifikat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix risposta sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tirrevoka l-għajnuna finanzjarja li jifdal u titlob il-ħlas lura tas-somom diġà mħallsa.

5. Kwalunkwe ħlas indebitu għandu jitħallas lura lill-Kummissjoni. L-interessi għandhom jiġu magħduda ma' kwalunkwe somma mhux imħallsa lura f'waqtha taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 14*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal tliet xhur.

---

([1]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
([2]) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
([3]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal tliet xhur.

4. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 15*

**Deċiżjonijiet implimentattivi**

1. Id-deċiżjonijiet implimentattivi li ġejjin għandom jittieħdu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2):

(a) sabiex jiġu adottati u, jekk meħtieġ, jiġu emendati programmi strateġiċi pluriennali mfassla skond l-Artikolu 6(1);

(b) sabiex jiġu adottati u, jekk meħtieġ, jiġu emendati programmi ta' ħidma annwali nazzjonali bbażati fuq abbozzi li Stati Membri jkunu ppreżentaw skond l-Artikolu 6(3);

(ċ) sabiex jiġu miżjuda miżuri ma' l-Anness I jew jiġi emendat l-Anness II; u

(d) sabiex jiġu stabbiliti regoli dettaljati meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Id-deċiżjonijiet implimentattivi li ġejjin għandhom jittieħdu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(3):

(a) sabiex jiġi deċiż li tiġi delegata l-implimentazzjoni tal-baġit lil aġenzija jew aġenziji nazzjonali skond l-Artikolu 7(2) u sabiex tiġi kkonfermata l-konformità ta' l-aġenzija jew aġenziji mal-kriterji ta' selezzjoni disposti fl-Anness II;

(b) sabiex jiġu speċifikati l-format, il-kontenut u d-dati ta' preżentazzjoni għall-abbozzi tal-programmi ta' ħidma annwali nazzjonali għall-finijiet ta' l-Artikolu 6(3) u tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 6(7);

(ċ) sabiex jiġu determinati il-forma, il-kontenut u r-riċevituri tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 12(1); u

(d) sabiex jiġu stabbiliti indikaturi li jgħinu fil-monitoraġġ ta' miżuri finanzjati minn LIFE+.

*Artikolu 16*

**Valutazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jsir monitoraġġ regolari tal-programmi pluriennali sabiex jiġi stmat l-impatt tagħhom.

2. Mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni għandha tippreżenta reviżjoni ta' nofs it-terminu ta' LIFE+ lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 14(1). Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu għandha tivvaluta l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-2007 sa' l-2009. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun il-każ, tipproponi modifiki għad-deċiżjonijiet implimentattivi skond l-Artikolu 15.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel arranġamenti għal valutazzjoni finali ta' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament biex tistma l-kontribut tiegħu għall-implimentazzjoni, l-aġġornar u l-iżvilupp tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali Komunitarji u l-użu magħmul mill-approprjazzjonijiet. Għandha tippreżenta din l-valutazzjoni finali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012, flimkien, jekk ikun il-każ, ma' proposta għal żvilupp ulterjuri ta' strument finanzjarju esklussivament fil-qasam ambjentali, li għandu japplika mill-2014 'il quddiem.

*Artikolu 17*

**Taħsir u dispożizzjonijiet transizzjonali**

1. Jiġu mħassra l-istrumenti li ġejjin bil-ħsieb ta' simplifikazzjoni u konsolidazzjoni:

(a) ir-Regolament (KE) Nru 1655/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE) [1];

(b) id-Deċiżjoni Nru 1411/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-27 ta' Ġunju 2001 dwar Qafas tal-Komunità għall-koperazzjoni għall-promozzjoni ta' żvilupp urban sostenibbli [2];

(ċ) id-Deċiżjoni Nru 466/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-1 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju li jippromwovi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li huma primarjament attivi fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali [3];

(d) u r-Regolament (KE) Nru 2152/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ ta' foresti u ta' interazzjonijiet ambjentali fil-Komunità (*Forest Focus*) [4].

2. Il-miżuri mibdija qabel il-31 ta' Diċembru 2006 skond l-atti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom, sat-tlestija tagħhom, jibqgħu jiġu regolati b'dawk l-atti. Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 14(1) għandu jissostitwixxi l-kumitati previsti f'dawn l-atti. Dan ir-Regolament għandu jintuża sabiex jiġu finanzjati kwalunkwe monitoraġġ u valutazzjoni obbligatorji meħtieġa taħt dawk l-atti wara l-iskadenza tagħhom. Sat-tlestija tagħhom, il-miżuri għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tekniċi definiti fl-atti msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 18*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 192, 28.7.2000, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1682/2004 (ĠU L 308, 5.10.2004, p. 1).
[2] ĠU L 191, 13.7.2001, p. 1. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 786/2004/KE (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 7).
[3] ĠU L 75, 16.3.2002, p. 1. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 786/2004/KE.
[4] ĠU L 324, 11.12.2003, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 788/2004 (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 17).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, …

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| … | … |

*ANNESS I*

**MIŻURI ELIĠIBBLI GĦAL FINANZJAMENT**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10, il-miżuri li ġejjin jistgħu jiġu finanzjati minn LIFE+ jekk jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà disposti fl-Artikolu 3:

1. fir-rigward tal-baġit suġġett għal amministrazzjoni diretta ċentrali:

   (a) ċerti attivitajiet operattivi ta' NGOs li jkunu primarjament attivi sabiex jipproteġu u jtejbu l-ambjent fil-livell Ewropew,

   (b) l-iżvilupp u l-manutenzjoni tan-*networks* u tas-sistemi tal-kompjuter direttament marbuta ma' l-implimentazzjoni tal-politika u tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Komunità;

2. fir-rigward tal-baġit suġġett għal amministrazzjoni ċentrali diretta jew delegata:

   (a) studji, stħarriġ, mudellar u bini ta' xenarju;

   (b) monitoraġġ, inkluż il-monitoraġġ ta' foresti;

   (ċ) għajnuna għall-bini tal-kapaċità;

   (d) taħriġ, *workshops* u laqgħat, inkluż it-taħriġ ta' aġenti li jipparteċipaw f'inizjattivi ta' prevenzjoni ta' nirien fil-foresti;

   (e) *networking* u sisien ta' l-aħjar prattika;

   (f) azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inklużi kampanji ta' sensibilizzazzjoni ta' l-opinjoni pubblika u, b'mod partikolari, kampanji ta' sensibilizzazzjoni ta' l-opinjoni pubblika dwar nirien fil-foresti;

   (g) id-dimostrazzjoni ta' approċi, teknoloġiji, metodi u strumenti innovattivi ta' politika;

   (h) l-ispejjeż tal-persunal ta' l-aġenziji nazzjonali; u

   (i) speċifikament għall-komponent tan-natura u l-bijodiversità:

   — l-amministrazzjoni ta' siti u ta' speċi u l-ippjanar ta' siti, inkluż it-tisħiħ tal-koerenza ekoloġika tan-*network* Natura 2000;

   — il-monitoraġġ ta' l-istat ta' konservazzjoni, inkluż it-twaqqif ta' proċeduri u strutturi għal tali monitoraġġ;

   — l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-konservazzjoni ta' speċi u *habitats*;

   — l-estensjoni tan-*network* Natura 2000 f'żoni marittimi;

   — ix-xiri ta' art, sakemm:

     — ix-xiri jikkontribwixxi għall-manteniment jew restawr ta' l-integrità ta' xi sit ta' Natura 2000,

     — ix-xiri ta' art ikun l-uniku jew l-aktar mezz effettiv sabiex jintlaħaq ir-riżultat mixtieq ta' konservazzjoni,

     — l-art mixtrija tkun riżervata għal perjodu fit-tul għal użi konsistenti ma' l-objettivi disposti fl-Artikolu 4(2), u

     — l-Istat Membru konċernat għandu, permezz ta' trasferiment jew b'xi mod ieħor, jiżgura r-riżerva ta' tali art għall-perjodu fit-tul għal skopijiet ta' konservazzjoni tan-natura.

*ANNESS II*

## KRITERJI GĦAD-DELEGAZZJONI TAL-KOMPITI TA' L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

1. Il-Kummissjoni għandha taħtar aġenziji nazzjonali bi ftehim ma' l-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jaħtru wkoll aġenziji nazzjonali konformement ma' l-Artikolu 54(2)(ċ) u l-Artikolu 56 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikoli 38 u 39 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]). L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji *vis-à-vis* l-aġenziji nazzjonali bil-ħsieb ta' l-implimentazzjoni effettiva ta' programmi ta' ħidma annwali nazzjonali.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-delegazzjoni tikkonforma mal-principji ta' ekonomija, ta' effikaċja u ta' effiċjenza. Qabel ma tipproċedi bi kwalunkwe delegazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura, permezz ta' stima minn qabel, li d-delegazzjoni ta' fondi lill-aġenziji nazzjonali tkun konformi ma' l-amministrazzjoni finanzjarja tajba u li ssaħħaħ il-viżibbiltà ta' l-azzjoni Komunitarja.

3. Il-korp li jiġi stabbilit jew maħtur bħala aġenzija nazzjonali għandu jikkonforma mal-kriterji li ġejjin:

   — ikollu personalità ġuridika u jkun regolat bil-liġi ta' l-Istat Membru konċernat;

   — ikollu numru adegwat ta' persunal, b'kapaċitajiet professjonali fil-qasam tal-politika ambjentali;

   — ikollu infrastruttura adegwata, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-informatika u l-komunikazzjonijiet;

   — jopera f'kuntest amministrattiv li jippermettilu li jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod sodisfaċenti u li jevita l-konflitti ta' interess;

   — ikun f'pożizzjoni li japplika r-regoli ta' amministrazzjoni finanzjarja u l-kondizzjonijet kuntrattwali stabbiliti fil-livell Komunitarju;

   — joffri garanziji finanzjarji adegwati, maħruġa preferibbilment minn awtorità pubblika, u l-kapaċità amministrattiva tiegħu tkun adatta għal-livell tal-fondi Komunitarji li jkun mitlub jamministra.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim ma' kull aġenzija nazzjonali skond l-Artikolu 41 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2003, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati li jkopru, *inter alia*, id-definizzjoni tal-kompiti, ir-regoli dwar ir-rapportaġġ, id-demarkazzjoni tar-responsabbiltajiet u l-arranġamenti ta' kontrolli. L-aġenziji nazzjonali għandhom jirrispettaw il-prinċipji tat-trasparenza u ta' l-ugwaljanza fit-trattament. Għandhom jevitaw il-finanzjament doppju minn sorsi oħra ta' fondi Komunitarji. Għandhom jagħmlu monitoraġġ tal-proġetti u jirkupraw kwalunkwe fond dovut għar-rimbors mill-benefiċjarji.

5. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-Istati Membri jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw il-verifika u s-superviżjoni finanzjarji adatti ta' l-aġenziji nazzjonali. L-Istati Membri għandhom, qabel ma ssir kwalunkwe delegazzjoni, jipprovdu lill-Kummissjoni bl-assigurazzjonijiet meħtieġa dwar l-eżistenza, ir-relevanza u l-operazzjonijiet korretti fi ħdan l-aġenzija nazzjonali relevanti skond ir-regoli ta' amministrazzjoni finanzjara tajba.

6. Kull aġenzija nazzjonali għandha tkun responsabbli għal kwalunkwe fond li ma jkunx irkuprat fl-eventwalità ta' xi irregolarità, negliġenza jew frodi attribwibbli lilha.

7. Il-Kummissjoni, b'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tassigura t-tranżizzjoni bejn il-miżuri mwettqa fi ħdan il-kuntest tal-programmi preċedenti fil-qasam ambjentali u dawk li jridu jiġu implimentati taħt dan ir-Regolament.

---

([1]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).

# DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

## I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha ([1]) għal Regolament dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent ("LIFE+") f'Settembru 2004.

Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu ta' l-ewwel qari f'Lulju 2005. ([2])

Il-Kumitat tar-Reġjuni ([3])u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([4])adottaw l-opinjonijiet tagħhom f'April 2005.

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu fis-[27 ta' Ġunju 2006].

## II. OBJETTIV

Ir-Regolament propost huwa wieħed minn diversi relatati mal-qafas finanzjarju għall-2007 sa l-2013, imma l-unika proposta speċifika għall-ambjent. L-objettiv tiegħu huwa:

— li jipprovdi appoġġ speċifiku fil-livell Komunitarju għal miżuri u proġetti b'valur Ewropew miżjud għall-implimentazzjoni, l-aġġornar u l-iżvilupp ta' politika u leġislazzjoni ambjentali Komunitarja, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tas-sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali Komunitarju (filwaqt li finanzjament għall-investimenti u miżuri amministrattivi li minnhom jibbenifika l-ambjent, partikolarment f'relazzjoni man-network Natura 2000, ikunu ġeneralment disponibbli permezz ta' strumenti finanzjarji oħrajn); u

— li jissostitwixxi numru ta' programmi eżistenti (filwaqt li ċerti elementi tas-sistema attwali LIFE ikunu integrati fi strumenti finanzjarji oħrajn).

L-għan ta' dan "l-approċċ integrat" huwa li jipprovdi skop akbar għal ko-finanzjament, jinkoraġġixxi t-tfassil ta' politika konġunta u jippermetti li l-finanzjament jirrifletti aħjar il-prijoritajiet nazzjonali u reġjonali.

## III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 1. Ġenerali

Il-pożizzjoni komuni tinkorpora nofs l-emendi tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, jew verbatim, parzjali jew fl-ispirtu. B'mod partikolari, tipprevedi għal komponent speċifiku ta' natura u ta' bijodiversità u tistabbilixxi kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà biex tiżgura valur Ewropew miżjud.

Ma tirriflettix il-bqija ta' l-emendi minħabba li l-Kunsill jaqbel mal-Kummissjoni li dawn m'humiex meħtieġa u/jew mixtieqa.

Il-pożizzjoni komuni tinkludi wkoll numru ta' bidliet minbarra dawk maħsuba fl-opinjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari. Is-sezzjonijiet li ġejjin jiddeskrivu l-bidliet sostanzjali. Barra min dan, hemm bidliet ta' abbozzar biex jiġi kkjarifikat it-test jew biex tiġi żgurata l-koerenza ġenerali tar-Regolament.

### 2. Għan, definizzjonijiet u kriterji ta' eliġibbiltà (Artikoli 1, 2 u 3)

Il-pożizzjoni komuni mhix konsistenti ma' l-emenda 11 tal-Parlament Ewropew. Il-Kunsill jemmen li huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn l-**objettiv ġenerali** stabbilit fl-Artikolu 1 u l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4. Huwa jikkunsidra wkoll li mhux meħtieġ li ssir parafrażi ta' l-objettivi tas-6 Programm ta' Azzjoni Ambjentali Komunitarju u li ma jkunx xieraq li jitfittex li jsiru bidliet lill-prijoritajiet miftehma mit-tliet Istituzzjonijiet għall-perijodu 2002 sa 2012, kif imniżżel fid-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE minbarra fil-kuntest tar-reviżjoni provduta fl-Artikolu 11(1) ta' dik id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU C 12, 18.1.2005, p. 25.
([2]) dok. 10814/05
([3]) ĠU L 231, 20.09.2005, p. 72.
([4]) ĠU L 255, 14.10.2005, p. 52.

Il-Kunsill żied l-Artikolu 2 biex jagħti **definizzjonijiet** ta' tliet termini li r-Regolament juża ta' spiss.

L-Artikolu 3 huwa konsistenti ma' partijiet mill-emendi 12 u 42, 15 u 34 sabiex jistabbilixxi **kriterji** ġenerali ta' **eliġibbiltà** biex jiżgura li l-ko-finanzjament Komunitarju permezz tal-LIFE+ jipprovdi valur Ewropew miżjud. B'mod partikolari, LIFE+ m'hix se tiffinaza attivitajiet rikorrenti, bħal operazzjonijiet ta' kuljum.

3. **Objettivi speċifiċi (Artikolu 4 u Anness I)**

L-Artikolu 4 jikkunsidra partijiet oħra ta' l-emendi 12 u 42, b'mod partikolari bil-ħolqien ta' komponent ġdid speċifikament għan-**natura u l-bijodiversità** u ż-żieda ta' referenzi għal eko-teknoloġiji u foresti.

Il-pożizzjoni komuni tbiddel ukoll l-istatus ta' l-Anness I minn lista indikattiva għal waħda eżawrjenti ta' **miżuri eliġibbli**. L-Anness I ma jinkludix aktar sezzjoni dwar "Temi". Il-Kunsill jikkunsidra li l-objettivi u l-kriterji mniżżla fl-Artikoli 1, 3 u 4 u l-lista ta' miżuri eliġibbli fl-Anness I huma suffiċjenti biex jiddefinixxu l-iskop ta' LIFE+.

4. **Disposizzjonijiet Finanzjarji (Artikoli 5 u 8 sa 13)**

Il-Kunsill ma jistax jaċċetta l-emenda 43 dwar il-baġit tal-LIFE+. Il-pożizzjoni komuni tipprevedi għal **pakkett finanzjarju** ta' € 1 854 372 000, li hija l-figura li tinsab fil-proposta emendata tal-Kummissjoni (magħmula wara l-ftehim tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-Qafas Finanzjarju għall-2007-2013). ([1])

Il-pożizzjoni komuni hija totalment konsistenti b'mod sħiħ ma' l-emenda 44 peress li ma fiha l-ebda Anness li jniżżel diviżjoni indikattiva tal-baġit tal-LIFE+ bejn il-komponenti. Madankollu, aktar milli jagħti figura għal kull wieħed mit-tliet komponenti kif maħsuba fl-emenda 26, biex jipprovdi flessibiltà akbar l-Artikolu 11(4) se jirriżerva 40 % tal-baġit speċifikament għal miżuri biex jappoġġaw il-konservazzjoni tan-natura u l-bijodiversità.

L-Artikolu 5 huwa konsistenti ma' l-emenda 34 fis-sens li jistabbilixxi **rata** massima ġenerali ta' **ko-finanzjament** ta' 50 %. Huwa parzjalment konsistenti ma' l-emenda 13 fis-sens li ko-finanzjament ogħla ta' mhux aktar minn 75 % jkun possibbli għal ċerti proġetti ta' protezzjoni tan-natura. L-Artikolu 5 jinkludi wkoll kjarifika dwar il-ko-finanzjament ta' spejjeż tal-persunal (konsistenti mal-prattika attwali u r-Regolament Finanzjarju).

Il-Kunsill jemmen li ma hemm l-ebda ħtieġa li jingħataw eżempji ta' **benefiċjarji** potenzjali tal-finanzjament tal-LIFE+ Għaldaqstant l-Artikolu 8 mhuwiex konsistenti ma' l-emenda 21.

Il-Kunsill jaqbel li, b'mod konsistenti mal-prinċipju ta' **komplimentarjetà**, il-LIFE+ m'għandux jiffinanza miżuri li jaqgħu fi ħdan il-kriterji ta' eliġibbiltà ta' strumenti finanzjarji Komunitarji oħrajn. L-Artikolu 10 tal-pożizzjoni komuni huwa konsistenti ma' l-għan ta' l-emenda 23.

Dwar il-**monitoraġġ**, il-pożizzjoni komuni ssaħħaħ il-ħtieġa għall-Kummissjoni biex twettaq kontrolli fuq il-post. Meta moqri flimkien ma' l-Artikolu 17(2)(ċ), l-Artikolu 12(1) huwa konsistenti ma' l-objettivi ta' l-emenda 27.

5. **Approċċ ta' programmar (Artikoli 6 u 7 u Anness II)**

Il-proposta tal-Kummissjoni ħasbet għad-delegazzjoni ta' parti sinifikanti ta' baġit ta' implimentazzjoni lill-Istati Membri. Il-Kunsill aċċetta dan l-approċċ, imma inkluda konsiderevolment akar detall dwar il-proċeduri applikabbli fil-pożizzjoni komuni. Din tipprovdi kjarezza akbar dwar ir-rwoli rispettivi ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni u dwar it-tipi ta' nefqa li se jaqgħu taħt il-parti baġitarja amministrata ċentralment (b'mod partikolari għall-NGOs, li hija konsistenti ma' l-emenda 36).

([1]) € 1 854 372 000 hija fi prezzijiet ta' l-2004 (ekwivalenti għal € 2 097 880 000 fi prezzijiet attwali). Il-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina u t-titjib baġitarji tal-proċedura baġitarja jipprevedi li dan l-ammont se jikkostitwixxi r-referenza ewlenija għall-awtorità baġitarja waqt il-proċedura baġitarja annwali.
Il-Kunsill għamel ukoll dikjarazzjoni dawr il-figura li tinsab fil-proposta emendata tal-Kummissjoni.

Il-pożizzjoni komuni fiha wkoll kriterji dettaljati għall-allokazzjoni tal-parti baġitarja delegata bejn l-Istati Membri. Hemm żewġ kriterji: il-popolazzjoni, inkluża d-densità tal-popolazzjoni, peress li din hija indikatur għal bosta pressjonijiet ambjentali; u n-natura u bijodiversità (abbażi tad-daqs assolut u relattiv ta' siti nnominati). It-tabella annessa tagħti indikazzjoni ta' l-implikazzjonijiet ta' dawn il-kriterji.

L-Artikolu 6 huwa parzjalment konsistenti ma' l-emenda 14, peress li jagħmilha ċara (paragrafu 3, it-tieni subparagrafu) li l-LIFE+ jista' jiffinanza miżuri transitorji. Il-proċedura għall-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma nazzjonali annwali hija konformi ma' l-għan ta' l-emenda 16, peress li tista' tagħti flessibbiltà lill-Istati Membri biex jieħdu kont ta' prijoritajiet nazzjonali u reġjonali.

Il-Kunsill ma jistax jaċċetta l-ewwel parti ta' l-emenda 15 jew l-emendi 17 jew 18. L-adozzjoni ta' programmi strateġiċi pluriennali permezz ta' ko-deċiżjoni tista' ddewwem b'mod mhux debitu l-finanzjament ta' proġetti ambjentali. Madankollu, il-pożizzjoni komuni tinkludi sinifikattivament aktar dettalji fit-test ko-deċiż tar-Regolament.

6. **Komitoloġija (Artikoli 14 u 17)**

Il-pożizzjoni komuni hija konsistenti b'mod wiesa' ma' l-emenda 29, peress li d-deċiżjonijiet ċentrali kollha jkunu soġġetti għall-proċedura regolatorja. Dan huwa xieraq għaliex ir-Regolament jistabbilixxi qafas ġenerali għal seba' snin. Il-prijoritajiet Komunitarji u nazzjonali x'aktarx jevolvu sinifikattivament matul dan il-perijodu. Il-programmi strateġiċi pluriennali u programmi nazzjonali ta' ħidma annwali se jitrattaw kwistjonijiet ta' tħassib kritiku għal Stati Membri individwali u ta' importanza kruċjali għall-politika ambjentali nazzjonali tagħhom. Madankollu, ċerti deċiżjonijiet aktar tekniċi għandhom ikunu soġġetti għall-proċedura amministrattiva.

Il-Kunsill ma jistax jaċċetta l-emendi 28, 30 u 31 peress li dawn jiddevjaw mill-proċeduri stabbiliti fid-Deċiżjoni 1999/468/KE. Kwalunkwe bidliet ikunu jeħtieġu li jiġu negozjati orizzontalment, mhux fil-kuntest ta' strument speċifiku.

7. **Oħrajn**

Barra minn dan il-pożizzjoni komuni:

— għandha **preambolu** kemmxejn imwessa' biex jikkjarifika disposizzjonijiet prinċipali fil-korp tar-Regolament. Il-premessi jinkorporaw l-emenda 9 ta' l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (imma mhux l-emendi 1 sa 8, peress li t-test propost ma jkunx immotiva xi disposizzjoni fl-Artikoli jew l-Annessi jew ma jkunx konsistenti ma' dawn id-disposizzjonijiet). Barra minn dan, il-premessa 15 hija parzjalment konsistenti ma' l-għan ta' l-emenda 24;

— tinkludi fl-Artikoli 6(7) u 12(2) ħtiġijiet għall-Kummisjoni biex twettaq u tirrapporta dwar **miżuri ta' segwitu** konsistenti ma' l-għan ta' l-emenda 19;

— tissodisfa l-objettivi ta' l-emendi 32 u 33 billi tikkjarifika, fl-Artikolu 15, l-għan ta', u l-iskeda tal-ħin għal, **rapporti ta' evalwazzjoni**;

— ma tinkorporax l-emenda 20, peress li l-Kummissjoni ma tkunx tista' tiżgura li l-implimentazzjoni ta' LIFE+ twassal għall-**ħolqien ta' impjiegi**.

IV. **KONKLUŻJONI**

Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni komuni tirrappreżenta pakkett ibbilanċjat li jipprovdi ko-finanzjament Komunitarju mmirat biex jikkumplimenta strumenti finanzjarji Komunitarji u nefqa ambjentali nazzjonali u reġjonali. Jistenna bil-ħerqa diskussjonijiet kostruttivi mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb ta' l-adozzjoni bikrija tar-Regolament.

*ANNESS*

**ALLOKAZZJONIJIET INDIKATTIVI GĦALL-ISTATI MEMBRI GĦALL-2007**

| Stat Membru | Erja tas-superfiċje (km²) | Popolazzjoni (eluf) | % tat-total tal-popolazzjoni ta' l-UE | Densità tal-popolazzjoni | Proporzjon ta' densità ta' l-SM: densità ta' l-UE | Proporzjon normalizzat ta' densità tal-popolazzjoni | Erja tas-superfiċje ta' l-SCI (km²) | Proporzjon SCI:total | % tat-total ta' l-SCI | Proporzjon ta' % ta' l-SM: % ta' total ta' l-UE | Proporzjon normalizzat ta' l-SCIs | Allokazzjoni tal-baġit (%) | Allokazzjoni tal-baġit (Mil €) | Allokazzjoni tal-baġit korretta (Mil €) | Stat Membru |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | B | Ċ | D | E | F | G | H | I | L | M | N | O | P | Q | R |
| | | | (Ċ/Total Ċ) | (Ċ·1000/B) | (E/Total E) | (F/Total F) | | (H/Total H) | (H/B) | (J/Total J) | (K/Total K) | (0,5·D+0,05·G +0,25·I+,2·L) | (D42·M) | | |
| BE | 30 528,00 | 10 396,40 | 2,14 % | 226,56 | 2,00 | 7,23 % | 3 220,88 | 0,54 % | 10,55 % | 0,76 | 2,67 % | 2,10 % | 3,991 | 3,968 | BE |
| CZ | 78 866,00 | 10 211,50 | 2,10 % | 129,48 | 1,14 | 4,13 % | 7 241,36 | 1,22 % | 9,18 % | 0,67 | 2,32 % | 2,03 % | 3,851 | 3,829 | CZ |
| DK | 43 093,00 | 5 397,60 | 1,11 % | 125,25 | 1,11 | 4,00 % | 11 135,95 | 1,88 % | 25,84 % | 1,87 | 6,54 % | 2,53 % | 4,813 | 4,785 | DK |
| DE | 357 031,00 | 82 531,70 | 16,97 % | 226,56 | 2,00 | 7,23 % | 53 293,92 | 9,00 % | 14,93 % | 1,08 | 3,78 % | 11,85 % | 22,517 | 22,388 | DE |
| EE | 45 226,00 | 1 351,00 | 0,28 % | 29,87 | 0,26 | 0,95 % | 10 591,08 | 1,79 % | 23,42 % | 1,70 | 5,93 % | 1,82 % | 3,456 | 3,437 | EE |
| EL | 131 940,00 | 11 041,10 | 2,27 % | 83,68 | 0,74 | 2,67 % | 27 640,97 | 4,67 % | 20,95 % | 1,52 | 5,30 % | 3,50 % | 6,642 | 6,604 | EL |
| ES | 504 782,00 | 42 345,30 | 8,71 % | 83,89 | 0,74 | 2,68 % | 119 104,03 | 20,11 % | 23,60 % | 1,71 | 5,97 % | 10,71 % | 20,347 | 20,230 | ES |
| FR | 549 192,00 | 59 900,70 | 12,32 % | 109,07 | 0,96 | 3,48 % | 48 809,61 | 8,24 % | 8,89 % | 0,64 | 2,25 % | 8,84 % | 16,800 | 16,704 | FR |
| IE | 70 280,00 | 4 027,70 | 0,83 % | 57,31 | 0,51 | 1,83 % | 10 560,74 | 1,78 % | 15,03 % | 1,09 | 3,80 % | 1,71 % | 3,253 | 3,234 | IE |
| IT | 301 333,00 | 57 888,20 | 11,90 % | 192,11 | 1,70 | 6,13 % | 43 977,33 | 7,43 % | 14,59 % | 1,06 | 3,69 % | 8,85 % | 16,820 | 16,723 | IT |
| CY | 9 250,00 | 730,4 | 0,15 % | 78,96 | 0,70 | 2,52 % | 509,52 | 0,09 % | 8,88 % | 0,64 | 2,25 % | 0,67 % | 1,277 | 2,000 | CY |
| LV | 64 589,00 | 2 319,20 | 0,48 % | 35,91 | 0,32 | 1,15 % | 7 651,27 | 1,29 % | 11,85 % | 0,86 | 3,00 % | 1,22 % | 2,315 | 2,500 | LV |
| LT | 65 200,00 | 3 445,90 | 0,71 % | 52,85 | 0,47 | 1,69 % | 6 663,58 | 1,13 % | 10,22 % | 0,74 | 2,59 % | 1,24 % | 2,351 | 2,500 | LT |
| LU | 2 597,00 | 451,6 | 0,09 % | 173,89 | 1,54 | 5,55 % | 383,11 | 0,06 % | 14,75 % | 1,07 | 3,73 % | 1,09 % | 2,065 | 2,053 | LU |
| HU | 93 030,00 | 10 116,70 | 2,08 % | 108,75 | 0,96 | 3,47 % | 13 929,21 | 2,35 % | 14,97 % | 1,09 | 3,79 % | 2,56 % | 4,863 | 4,835 | HU |
| MT | 316,00 | 399,4 | 0,08 % | 226,56 | 2,00 | 7,23 % | 39,35 | 0,01 % | 12,45 % | 0,90 | 3,15 % | 1,03 % | 1,966 | 1,954 | MT |
| NL | 41 526,00 | 16 258,00 | 3,34 % | 226,56 | 2,00 | 7,23 % | 7 510,00 | 1,27 % | 18,09 % | 1,31 | 4,58 % | 3,27 % | 6,204 | 6,169 | NL |

| Stat Membru | Erja tas-superfiċje (km²) | Popolazzjoni (eluf) | % tat-total tal-popolazzjoni ta' l-UE | Densità tal-popolazzjoni | Proporzjon ta' densità ta' l-SM: densità ta' l-UE | Proporzjon normalizzat ta' densità tal-popolazzjoni | Erja tas-superfiċje ta' l-SCI (km²) | Proporzjon SCI:total | % tat-total ta' l-SCI | Proporzjon ta' % ta' l-SM: % ta' total ta' l-UE | Proporzjon normalizzat ta' l-SCIs | Allokazzjoni tal-baġit (%) | Allokazzjoni tal-baġit (Mil €) | Allokazzjoni tal-baġit korretta (Mil €) | Stat Membru |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | B | Ċ | D | E | F | G | H | I | L | M | N | O | P | Q | R |
| | | | (Ċ/Total Ċ) | (Ċ·1000/B) | (E/Total E) | (F/Total F) | | (H/Total H) | (H/B) | (J/Total J) | (K/Total K) | (0,5·D+0,05·G +0,25·I+,2·L) | (D42·M) | | |
| AT | 83 859,00 | 8 140,10 | 1,67 % | 97,07 | 0,86 | 3,10 % | 8 883,93 | 1,50 % | 10,59 % | 0,77 | 2,68 % | 1,90 % | 3,616 | 3,595 | AT |
| PL | 312 685,00 | 38 190,60 | 7,85 % | 122,14 | 1,08 | 3,90 % | 13 123,86 | 2,22 % | 4,20 % | 0,30 | 1,06 % | 4,89 % | 9,286 | 9,233 | PL |
| PT | 91 990,00 | 10 474,70 | 2,15 % | 113,87 | 1,01 | 3,63 % | 16 502,94 | 2,79 % | 17,94 % | 1,30 | 4,54 % | 2,86 % | 5,440 | 5,409 | PT |
| SI | 20 273,00 | 1 996,40 | 0,41 % | 98,48 | 0,87 | 3,14 % | 6 359,62 | 1,07 % | 31,37 % | 2,27 | 7,94 % | 2,22 % | 4,216 | 4,192 | SI |
| SK | 48 845,00 | 5 380,10 | 1,11 % | 110,15 | 0,97 | 3,51 % | 5 739,36 | 0,97 % | 11,75 % | 0,85 | 2,97 % | 1,57 % | 2,975 | 2,958 | SK |
| FI | 338 145,00 | 5 219,70 | 1,07 % | 15,44 | 0,14 | 0,49 % | 48 551,64 | 8,20 % | 14,36 % | 1,04 | 3,63 % | 3,34 % | 6,341 | 6,305 | FI |
| SE | 414 864,00 | 8 975,70 | 1,85 % | 21,64 | 0,19 | 0,69 % | 62 356,23 | 10,53 % | 15,03 % | 1,09 | 3,80 % | 4,35 % | 8,265 | 8,218 | SE |
| UK | 244 820,00 | 59 673,10 | 12,27 % | 226,56 | 2,00 | 7,23 % | 25 102,47 | 4,24 % | 10,25 % | 0,74 | 2,60 % | 8,07 % | 15,342 | 15,254 | UK |
| BG | 110 910,00 | 7 801,3 | 1,60 % | 70,34 | 0,62 | 2,24 % | 15 299,25 | 2,58 % | 13,79 % | 1,00 | 3,49 % | 2,26 % | 4,291 | 4,266 | BG |
| RO | 238 391,00 | 21 711,3 | 4,46 % | 91,07 | 0,80 | 2,91 % | 18 085,00 | 3,05 % | 7,59 % | 0,55 | 1,92 % | 3,52 % | 6,697 | 6,658 | RO |
| EU + BG + RO | 4 293 561,00 | 486 375,40 | 100,00 % | 113,28 | 27,67 | 100,00 % | 592 266,18 | 100,00 % | 13,79 % | 28,64 | 100,00 % | 100,00 % | 190 | 190 | EU |

**NOTI**

Is-servizzi tal-Kummissjoni ppreparaw it-tabella ta' hawn fuq. L-allokazzjonijiet murijin huma indikattivi. L-allokazzjonijiet attwali se jkunu ddeterminati permezz ta' komitoloġija wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Numru ta' fatturi jistgħu jwasslu biex l-allokazzjonijiet attwali jkunu kemmxejn differenti.

1. It-tabella tindika allokazzjonijiet għall-2007, ibbażati fuq baġit delegat ta' € 190 miljun għal dik is-sena. L-ipprogrammar finanzjarju tal-Kummissjoni jipprevedi li kemm il-baġit tal-LIFE + u s-sehem tal-baġit allokat lill-Istati Membri se jiżdied minn sena għal oħra.

2. It-tabella tuża l-aktar *data* riċenti disponibbli għall-Kummissjoni (eż. il-popolazzjonijiet ta' l-Istati Membri huma dawk mogħtijin fil-ktieb annwali ta' l-Eurostat għall-2005 u d-*data* tas-SCI hija dik disponibbli fil-15 ta' Mejju 2006). Id-*data* u għalhekk l-allokazzjonijiet se jinbidlu matul ħajjet l-istrument LIFE+. B'mod partikolari, l-Artikolu 6(2), it-tieni subparagrafu, jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tagħmel il-kalkoli għan-natura u l-bijodiversità abbażi kemm tas-siti ta' importanza Komunitarja kif ukoll taż-żoni ta' protezzjoni speċjali, filwaqt li jiġi evitat l-għadd doppju, hekk kif id-*data* rilevanti hija disponibbli għall-Istati Membri kollha.

3. L-Artikolu 6(2), it-tielet subparagrafu, jippremetti lill-Kummissjoni li tipproponi allokazzjonijiet addizzjonali għal Stati Membri li ma jisbukkawx fuq il-baħar. It-tabella tassumi li mhux se jkun hemm tali allokazzjonijiet fl-2007.

4. L-erja tas-SCIs fil-BG kienet stmata bħala l-medja għall-Istati Membri kurrenti u r-RO. L-erja għas-SCIs f'CY tapplika biss għas-superfiċje ta' l-erja li għaliha tapplika d-Direttiva ta' l-Abitati.

5. L-Artikolu 6(2), ir-raba' sottoparagrafu, jippreskrivi allokazzjoni annwali minima għall-Istati membri kollha ta' bejn € 1 u 3 miljun, billi tikkunsidra d-densità tal-popolazzjoni, l-ispiża ambjentali, il-ħtieġa ambjentali u l-kapaċità ta' assorbiment. It-tabella tassumi li din id-disposizzjoni se tintuża biex iżżid l-allokazzjoni għal CY għal € 2 miljun u dawk għal LV/LT għal € 2.5 miljun.